MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Numru 285/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Therese Sciberras**
**vs**
**Lorenza Saliba**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Lorenza Salib ata' 42 sena bint Paul u Mary nee Catania mwielda fl-24 ta' Ottubru 1965 u residenti Cristal Flats No 2 Triq il-Harifa San Pawl il-Bahar, ID 510365M**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Ottubru 2006 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn is-sitta ta' filghodu u l-hdax ta' filghodu kkommettiet serq ta' iktar minn LM100 u inqas minn LM200 ghad-dannu ta terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputata, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat zmien xieraq biex tahsibha. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(c) u (d), 267, 268(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha izda stante li ghamlet amissjoni bikrija, ghandha fedina penali nadifa u kif wkoll li hi rritornat il-flus li kienet hadet, flok tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien 18-il xahar millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------